**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Charlie Saliba bin Anthony u Antonia nee Cauchi li joqghod numru 73, Vjal il-Labour, Xewkija, Ghawdex.**
**I.D. No. 298688(M)**

Illum 25 t'April, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-22 ta' Marzu 2000 ghall-habta tas-6.50a.m. fix-Xatt l-Ahmar limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, (1) waqt stagun maghluq ghall-kacca minn fuq l-art, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-marka Berretta, serial number E06808-96 u munizzjoni (cintorin ta' bit-tnejn, b'ghoxrin skartocc) minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kapitolu 66 Artikolu 3 (ordinanza dwar l-armi), (2) aktar talli fl-istess data u hin u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghasafar waqt stagun maghluq u minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Avviz Legali 146/1993.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tordna l-konfiska ta l-oggetti esebiti kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tal-kacca u tal-armi, ghal zmien ta' mhux inqas minn sena.

Semghet l-provi;

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha migjuba ssib lill-imputat hati.

Rat l-Artikolu 3 tal-Kap 66 u Regolamenti 9 u 25 ta' l-Avviz Legali 146/93;

Tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300).

Tordna l-konfiska tal-arma u munizzjoni esebiti u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja ghall-kacca ghall-perijodu ta' sena mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur